MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 534/2010/1

**Talba Numru: 534/2010 MK**

**Mark Camilleri**

**vs**

**Kunsill Lokali San Gwann**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-25 ta' Marzu 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"It-Tribunal,*

*Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf mitejn u erbatax-il ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1214.78) rapprezentanti hsarat*

*kagunati lill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MSC-777 proprjeta' tar-rikorrent in segwitu ghall-incident stradali li sehh fil-21 ta' Jannar, 2009 fi Triq Bella Vista, San Gwann. Dan l-incident sehh unikament tort tal-Kunsill konvenut minhabba li l-istess Kunsill naqas milli jzomm din it-triq li taqa' taht il-kompetenza tal-Kunsill fi stat ta' manutenzjoni tajba u jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex il-wicc tat-triq jibqa' ntatt u ma jigux iffurmati hofor fit-toroq. Kif ukoll ghan-nuqqasijiet ohra da parti tal-istess Kunsill kif ser jirrizulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' April, 2009 kif ukoll dik ta' l-ittra interpellatorja tat-13 ta'April, 2009 kif ukoll interessi fuq is-somma dovuta mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali tas-6 ta' April, 2009 (ittra numru 283/09) prezentata fir-Registru tal-Qorti ta' Ghawdex sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha l-Kunsill konvenut minn issa ngunt.*

*Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali San Gwann fejn qal illi preliminarjament, il-Kunsill Lokali San Gwann josserva li t-talbiet attrici huma nulli ex lege u dana ai termini tal-artiklu 907(2) tal-Kapitlu 12.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kusill Lokali San Gwann osserva li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fld-drittt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.*

*Ghaldaqstant, il-Kunsill konvenut talab illi t-Tribunal jiddikjara n-nullita' tal-azzjoni attrici u minghajr il-pregudizzju ghas-suespost jichad it-talba attrici.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.*

*It-Tribunal ra li skont verbal tal-31 ta' Mejju, 2010, il-Kunsill konvenut irtira l-eccezzjoni preliminari dwar in-nullita' stante li rcieva pagament min-naha tal-attur ghall-ispejjez ta' kawza quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg.*

*Ra d-dokumenti kollha prezentati in atti.*

*Sema' x-xhieda ta' Natalino Callus, PS 1207 Robert Said Sarceo, Mark Camilleri, WPC114 Georgia Schembri, Pio Farrugia, Johnny Xuereb u Adrian Mifsud.*

*Ra n-nota ta'sottomissjonijiet tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi din il-kawza titratta dwar rizarciment ta' spejjez allegatament inkorsi mill-attur f'incident stradali li sehh fil-21 ta' Jannar, 2009, fi Triq Bella Vista, San Gwann. Skont l-attur huwa qal li kien qieghed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni MSC-777 proprjeta' tieghu fit-triq hawn imsemmija u li dak inhar kienet qieghda taghmel ix-xita u kien id-dlam. Qal li huwa kien qieghed miexi b'velocita' normali f'din it-triq meta hass illi kien saq fuq hofra fit-triq bil-konsegwenza li tilef il-kontroll tal-vettura li kien qieghed isuq u l-istess vettura per konsegwenza garrbet diversi hsarat. Il-hsarat kienu jikkonsistu fit-tibdil tar-rota xellugija ta' quddiem u daqqiet fuq ix-xellug tal-vettura meta l-istess vettura hakmet il-bankina konsegwenza tal-impatt fil-hofra. Qal ukoll illi r-rota fuq wara tax-xellug kellha 'puncture'. Intqal illi l-attur jghix Ghawdex u m'hijiex triq li juza regolarment. Qal ukoll illi wara l-incident huwa kien ghamel rapport lill-Kunsill Lokali ta' San Gwann fejn tahom ukoll rapport tal-Pulizija. Meta mar sabiex jirraporta dan l-incident mal-Kunsill Lokali San Gwann, ir-rapprezentant tal-Kunsill kien talbu spjegazzjoni bil-miktub u huwa hekk ghamel permezz ta' e-mail. F'din l-e-mail, l-attur spjega kif gara l-incident u talab li jkun rizarcit ghad-danni. L-attur spjega kif huwa qatt ma nforma lill-Kunsill Lokali li kien ha jirranga l-hsarat tal-vettura izda qal ukoll li l-istess Kunsill Lokali ta' San Gwann qatt ma ndikalu li huwa kellu jsewwi l-vettura. L-attur baqa' jistenna risposta mill-Kunsill Lokali ghall-e-mail mibghuta minnu u wara li stenna erba' t'ijiem ghar-risposta, iddecieda li jsewwi l-hsarat a spejjez provizorji tieghu.*

*Qal illi dak inhar tal-incident huwa kellu jqabbad 'tow truck' ghaliex ma setx isuq il-vettura tieghu. Qal ukoll illi huwa kien zar il-post tal-incident wara erba' gimghat u ra li l-hofor li kien hemm f' din it-triq issewwew.*

*It-Tribunal ra' u sema' x-xhieda tal-Pulizija. Ra li skont rapport tal-Pulizija datat 24 ta' Jannar 2009 l-attur irraporta ncident li sehh nhar l-Erbgha 21 ta' Jannar 2009 ghal habta tas-7.15p.m. waqt li kien ghaddej minn Triq Bella Vista, San Gwann, Malta. Billi kienet ix-xita, kien hemm hofra mimlija ilma u ghaldaqstant fid-dlam ma kinetx tidher u meta ghadda minn fuqha garrab hsarat konsiderevoli fil-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni MSC-777. Malli ghadda minn fuq din il-hofra, l-attur faqa' t-'tyre' ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug u bl-impatt hakem il-bankina u ha 'puncture' ukoll fir-rota ta' wara. Meta hakem il-bankina garrab hsarat fil-bieba tax-xellug tan-naha ta' wara u hsarat f'zewg 'shock absorbers, alloy wheel, suspension cushion u running board'. Illi t-'tyre' ta' quddiem kien mifqugh.*

*It-Tribunal jirrilleva li dan ir-rapport sar tlett ijiem wara l-incident.*

*Sema' lil WPC114 tixhed illi r-rapport ta' Mark Camilleri dwar l-incident kien sar nhar il-24 ta' Jannar 2009 fir-Rabat, Ghawdex u li hija ma kinetx marret fuq il-lok tal-incident izda bghatet ir-rapport lil PS 1207 stazzjonat l-Ghassa San Giljan. Meta xehed PS 1207 Robert Said Sarceo, stazzjonat San Giljan qal li kien mar fuq il-post ta' l-incident fl-24 ta' Jannar 2009 wara li kien dahal rapport mill-Ghassa ta' Ghawdex dwar incident li kien sehh f'San Gwann xi jiem qabel. Meta mar fi Triq Bella Vista, San Gwann ra li f'din it-triq kien hemm iktar minn hofra wahda u l-hofor kienu mdaqqsin. Qal ukoll illi dawn il-hofor tfaccaw minhabba x-xita. Spjega kif minn dak inhar il-hofor gew imsewwija. Meta kien spezzjona l-post tal-incident kien akkumpanjat biss mix-xufier u li ma kienx ha ritratti tal-istat tat-triq.*

*It-Tribunal sema' lil Piju Farrugia, 'Senior Principal', mad-Dipartiment ghal Gvern Lokali il-Belt Valletta fejn*

*ikkonferma li r-responsabilita' tat-Triq Bella Vista, San Gwann taqa' f'idejn il-Kunsill Lokali ta' San Gwann. Huwa kkonferma wkoll fuq il-pjanta li giet ezebita in atti, fejn sehh l-incident. Spjega kif ir-rwol tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali huwa li jalloka l-fondi tal-Gvern Centrali lill-Kunsill Lokali ghat-tindif u manutenzjoni tat-triq, dawl u zebgha u li r-riparazzjoni tat-toroq jifformaw parti mill-manutenzjoni tat-triq.*

*It-Tribunal sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' 'Sika Automobile', f'Ghawdex li kienet is-socjeta' li kienet hadet hsieb it-tiswijiet tal-vettura in kwistjoni. Dan ix-xhud ikkonferma li x-xoghlijiet kienu saru u li l-vettura giet imsewwija.*

*Ir-rapprezentant tal-Kunsill Lokali San Gwann xehed illi qabel il-gurnata tal-incident f'din it-triq ma kienx hemm hofor izda l-hofor zviluppaw wara maltemp. Qal ukoll illi huma qatt ma kienu raw il-vettura u qatt ma gew mitluba jaghmlu 'survey' tal-hsarat fil-vettura.*

*Mill-provi, t-Tribunal jirrilleva li l-incident kien sehh u huwa konvint illi l-attur kien garrab dawn il-hsarat fit-triq imsemmija fid-data ndikata minnu u dan l-incident kien sehh minhabba hofra profonda f'din it-triq li kienet zviluppat wara xita qawwija. It-Tribunal ra illi l-manutenzjoni tat-toroq hija parti minn responsabbiltajiet varji li ghandu kunsill lokali. Illi fil-kaz odjern jirrizulta li dan huwa kaz fejn wara li kien sar xi tip ta' manutenzjoni f'din it-triq regghu zviluppaw hofor wara maltempata. It-Tribunal huwa tal-fehma illi dawn il-hofor ma zviluppawx profondita' wara maltempata wahda izda wara diversi drabi li tkun ghamlet ix-xita fit-triq. Illi lit-Tribunal huwa car illi dawn il-hofor kienu ilhom jizviluppaw maz-zmien u fid-data tal-incident il-hofor kienu zviluppaw enormament. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-kunsilli lokali li hija l-entita' responsabbli ghall-manutenzjoni tat-toroq, ghandu d-dmir li jara li l-kuntrattur responsabbli ghat-tiswijiet, jiccertifika x-xoghlijiet maghmula minnu. It-Tribunal isostni, illi galadarba jsir manutenzjoni sewwa u skont is-sengha, hofor wara l-maltemp m'ghandhomx jizviluppaw. Illi jirrizulta car u manifest lit-Tribunal illi meta l-hofor*

*jizviluppaw wara maltempata, dan ifisser illi l-manutenzjoni ta' dawn il-hofor ma kinetx qieghda ssir regolarment u ghaldaqstant ma saritx sewwa u li ghalhekk il-kunsill lokali ma kienx inghata s-servizz xieraq mill-kuntrattur li jkun gie kuntrattat isewwi l-hsarat fit-toroq. Illi huwa d-dmir ta' kunsill lokali li jekk huwa jitlob servizz li tieghu qieghed ihallas, huwa ghandu jaccerta li x-xoghlijiet ikunu saru sewwa. It-Tribunal jippretendi li l-istess kunsill ghandu jezigi li t-toroq jissewwew sewwa u b'materjal adegwat li jassigura xoghol sewwa. Fil-fehma tat-Tribunal, il-kunsilli lokali ghandhom jezigu wkoll li meta jkkuntrattaw ghal servizz ta' manutenzjoni ghandhom jircievu assigurazzjoni li x-xoghlijiet qieghdin isiru sewwa. Illi huwa car u manifest minn din il-kawza illi dawn ix-xoghlijiet ma sarux sewwa u li thallew li jizvillupaw il-hofor tul iz z-mien.. Illi huwa minnu wkoll illi wara maltempata l-hofor regghu zviluppaw u hija l-fehma tat-Tribunal li meta x-xoghol ta' manutenzjoni jsir sewwa l-hofor m'ghandhomx ghalfejn jizviluppaw.*

*It-Tribunal huwa tal-fehma li l-Kunsill konvenut ghandu l-obbligu u d-dmir li jara li l-infieq tal-fondi allokati lilu jsir sewwa u skont is-sengha. Illi m'huwiex accettabbli li l-hofor fit-toroq jissewwew 'short term' biss, ghaliex 'long term' jekk taghmel ix-xita dawn il-hofor ha jergghu jizvillupaw.*

*Mill-provi kollha ezebiti in atti ra li l-attur qatt ma talab lill-Kunsill Lokali illi jersaq jaghmel 'survey' izda fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz it-Tribunal m'ghandux dubju li l-attur gab l-ahjar prezz sabiex jitrangawlu l-hsarat li garrab fil-vettura tieghu.*

*Wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, t-Tribunal m'ghandux dubju li l-hsarat sofferti mill-attur saru konsegwenza ta' hofor li zviluppaw fit-Triq Bella Vista, San Gwann. Illi dawn il-hofor ma kienux zviluppaw hesrem b'malempata wahda izda kienu ilhom jizviluppaw izda ma l-ahhar maltempata l-hofor kibru mhux hazin. Illi gie kkonfermat li l-manutenzjoni tat-triq taqa' taht ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali San Gwann. Huwa car u manifest illi x-xoghlijiet ta' manutenzjoni li kienu saru f'din*

*it-triq ma kienx sar sewwa. Illi huwa jsostni li huwa d-dmir u l-obbligu tal-Kunsilli Lokali li jezigu certi assigurazzjoni ghas-servizzi li jikkuntrattaw. Illi l-kunsilli lokali ghandhom jaccertaw sa minn qabel li l-hofor li jkunu qieghdin isewwu m'ghandhomx jergghu jizviluppaw wara maltempata u l-kunsilli lokali ghandhom jaraw illi malli jibdew jaraw hofor zghar jizviluppaw fit-toroq ghandhom jaraw illi li jsir manutenzjjoni fuqhom mill-ewwel u mhux ihalluhom jikbru kif gara f'dan il-kaz.*

*Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut u jikundanna lill-istess Kunsill konvenut ihallas lill attur fis-somma ta' elf mitejn u erbatax-il ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1214.78) bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.*

*Spejjez sopportati mill-Kunsill konvenut."*

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kunsil Lokali San Gwann datat 14 ta' April 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez, inkluz dawk ta' dan l-appell kontra l-istess appellat.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghal-finali trattazzjoni ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Mark Camilleri datata 9 ta' Mejju 2011 a fol 10 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Keith Grech ghall-Kunsill appellant u Dr. Damian Bigeni ghall-appellat. Id-difensuri trattaw l-appell. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 25 ta' Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) l-incident ma garax minhabba xi negligenza minn naha tal-Kunsill appellanti fiz-zamma ta' manutenzjoni tat-triq izda minhabba forza magguri – f'dan il-kaz minhabba maltemp, u kien ghalhekk li kien hemm hofra fit-triq – u l-Kunsill ma setax allura jkun jaf b'dik il-hofra u seta` jiehu l-azzjoni biss wara tali maltempata; ghalhekk f'dan il-kaz ma kienx hemm att kolpuz ghaliex l-event damnuz ma kienx prevedibbli (**"Maltacom p.l.c. llum Go p.l.c.vs Nicholas Grech"** (A.C. – 26 ta' Marzu 2010); (b) it-Tribunal ha in konsiderazzjoni ta' fatti mhux in atti u hawn saret riferenza ghal dak li sostna t-Tribunal fis-sens li ssir manutenzjoni fit-triq u wara maltempata terga ssir l-istess hsara u fejn inghad li la darba tali hsara saret wara maltemplata, mela allura jfisser li l-manutenzjoni ma saritx jew ma tkunx saret sew; (c) ma kienx hemm prova tan-ness ta' kazwalita' li l-incident sehh f'dik it-triq tant li skond l-appellant lanqas rapprezentanti tal-RMF li ttowjaw l-istess vettura ma tressqu bhala xhieda; (d) dwar l-ammont ta' danni l-Kunsill appellant ma inghatax l-opportunita' li jezima l-istess f'ebda stadju u wkoll l-istess ammont ta' danni mhux sorrett mill-provi.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li fid-diskrezzjoni tieghu u abbazi tal-provi prodotti t-Tribunal sab li l-Kunsill kien responsabbli ghaliex ma kienx ghamel manutenzjoni sew tat-toroq ghaliex irrizultalu li f'dan il-kaz meta ghamlet ix-xita t-triq indikata zviluppat diversi hofor, li kien jidher li kien avveniment prevedibbli, tant li mhux l-ewwel darba li sehh meta tkun ghamlet ix-xita. Ghalhekk il-kawza tal-incident kien wiehed previbbli u kien in-nuqqas tal-Kunsill

Lokali li jaghmel manutenzjoni sewwa tal-istess triq li jirrendi lill-istess Kunsill responsabbli ghad-danni, ghaliex tali nuqqas ta' manutenzjoni sewwa tat-triq kien iwassal ghal dak li rrizulta f'din il-kawza u ghalhekk il-konsegwenza kienet previdibbli **("George Sciberras vs Phoenicia Hotel Company Limited"** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Jannar 2005); **Alfred Delia vs Segretarju Permanenti u Direttur Dipartiment tat-Toroq"** A.C. – 19 ta' Mejju 2004) u certament mhux attribbwibbli ghall-forza magguri, li giet vantata mill-Kunsill appellant izda certament mhux minnu ppruvata, anzi gie ppruvat li l-imsemmija triq kienet mimlija hofor u dan mix-xhieda ta' PS 1207. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju jidher li dan ma huwiex minnu ghaliex jirrizulta li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ibbaza l-konsiderazzjonijiet tieghu fuq il-provi li ingabu quddiemu, li minnhom irrizulta li fil-fatt il-hsara li sehhet fit-triq ma kellhiex issir wara semplici maltempata normali, u allura minn dan isegwi li biex dan sehh kien hemm negiigenza da parte tal-Kunsill Lokali li ma kienx qed jaghmel manutenzjoni tat-triq sewwa. Dan huwa wkoll kaz fejn il-Qorti thoss li d-diskrezzjoni tat-Tribunal fl-apprezzament ta' provi quddiemu giet ezercitata sew u allura ma thossx li ghandha tiddisturba l-istess b'dan li dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

Illi t-tielet aggravju huwa wkoll dwar apprezzament ta' provi li ghamel it-Tribunal u ma jirrizultax li gie kontestat fl-Ewwel Istanza li l-incident verament sehh fl-istess triq. Ix-xhieda tal-Pulizija u r-rapport tal-pulizija, li gie kkonfermat bil-gurament, ma gie bl-ebda mod kontradett, u lanqas fil-verita' kontestat; dwar ix-xhieda tal-RMF ma kien hemm xejn x'izomm lill-Kunsill appellant milli jressaq tali xhud huwa izda dan jidher li ma ghamlux lanqas. Ghalhekk din il-Qorti thoss li anke dan l-aggravju ghandu u qed jigi respint.

Illi dwar l-ammont ta' danni jirrizulta li dawn gew ikkonfermati mix-xhud Johnny Xeureb u mid-Dok. "JX 1' sa Dok. "JX 3" u gew ikkonfermati wkoll bil-gurament u ghalhekk l-istess danni jidhru li gew ippruvati. Mhux biss

izda jidher li l-istess tiswijiet jikkombacjaw mal-hsara sofferta fl-istess vettura. Fl-ahharnett jirrizulta li kull meta l-Kunsill gie kkuntatjat mill-appellat dwar il-hsara sofferta dan injorah ghal kollox, tant li lanqas b'mod preventiv ma ghamel *survey* tal-allegati hsarat. B'hekk anke dan l-ahhar aggravju qed jigi respint.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 9 ta' Mejju 2011 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-Kunsill appellanti fir-rikors tal-appell tieghu datat 14 ta' April 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi "Mark Camilleri vs Kunsill Lokali San Gwann" (Avviz Numru 534/10/MK) datata 25 ta' Marzu 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti l-Kunsill Lokali ta' San Gwann.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------